2025/1341

9.7.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/1341

tat-8 ta' Lulju 2025

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 dwar Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fid-19 ta' April 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 [1], li stabbiliet Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) b'mandat sad-19 ta' Settembru 2018.

(2) Fis-6 ta' Settembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2396 [2] li estendiet l-EUTM RCA sad-19 ta' Settembru 2025.

(3) Fit-30 ta' April 2025, fil-kuntest tar-Rieżami Strateġiku tal-EUTM RCA, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel li jenħtieġ li l-mandat tal-EUTM RCA jiġi estiż sad-19 ta' Settembru 2026 u li jenħtieġ li Rieżami Strateġiku fil-bidu tal-2026 jippreżenta għażliet għall-futur tal-Missjoni.

(4) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 10, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"8. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-ispejjeż komuni tal-EUTM RCA għall-perjodu mill-20 ta' Settembru 2025 sad-19 ta' Settembru 2026 għandu jkun ta' EUR 11 400 000. Il-perċentwal tal-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 51(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 għandu jkun 0 % f'impenji u 0 % għal pagamenti."

(2) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Soġġett għal Rieżami Strateġiku li għandu jitwettaq kmieni fl-2026, il-mandat tal-EUTM RCA għandu jintemm fid-19 ta' Settembru 2026.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

S. LOSE

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/610 tad-19 ta' April 2016 dwar Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) (ĠU L 104, 20.4.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2016/610/oj).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2396 tas-6 ta' Settembru 2024 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/610 dwar Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) (ĠU L, 2024/2396, 6.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2396/oj).